MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 14/2005

**Philip Busuttil (ID 414259M)**
**u martu Carmen Busuttil (ID 51461M)**

**vs**

**Emanuel Spiteri**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm2,750.00), rapprezentanti arretrati ta' kera relattiva ghall-garage bla numru, minghajr l-arja relattiva, jismu "Saint Joseph", fi Gzira Road, Gzira ghall-perijodu bejn il-15 ta' April, 2004 u l-15 ta' Dicembru, 2004 dovuta mill-konvenut lill-atturi ai termini ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 15 ta' Dicembru, 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-

smiegh u bl-imghax legali minn notifika ta' l-Avviz lill-konvenut a karigu ta' l-istess konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------